



Għodod Ewropej għall-Iskejjel

Nippromovu l-edukazzjoni inklużiva u niffaċċjaw it-tluq bikri mill-iskola

- Trid ittejjeb l-attendenza jew tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola?
- Qed tfittex modi kif iżżid l-involviment tal-ġenituri fl-iskola tiegħek?
- Qed tikkunsidra l-introduzzjoni ta' approċċi aktar kollaborattivi għat-tagħlim?

Allura tista' tibbenefika mill-użu tal-**Għodod Ewropej għall-Iskejjel**. L-Għodod jippromovwu approċċ skolastiku sħiħ biex **itejbu l-inklużività u jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola**. Jistgħu jgħinu lill-kapijiet tal-iskejjel, lill-għalliema u lil nies oħra jidentifikaw x'hemm bżonn isir biex jipprevjenu t-tluq bikri mill-iskola u jsibu soluzzjonijiet adattati. L-Għodod jgħbru xhieda, dokumenti u prattiki tajba ta' approċċi kollaborattivi, fost l-iskejjel u ġo fihom, li jistgħu jiġu implimentati f'kundestanti ta' skejjel differenti.

L-Għodod huma mqasma f'ħames oqsma tematiki



1. Il-governanza tal-iskejjel



2. L-għalliema



3. Appoġġ lill-istudenti



4. L-involviment tal-ġenituri



5. L-involviment tal-partijiet interessati

Kull **qasam tematiku** jiddeskrivi l-isfidi u **jipproponi azzjonijiet** li għandhom jiġu introdotti fl-iskejjel. Dan kollu huwa sostnut b'riżultati ta' riċerka, u segwit minn dokumenti u eżempji mill-prattika. L-eżempji jinkludu deskrizzjonijiet dettaljati tal-proċessi ta' bidla u materjal bħal manwali, vidjows jew siti web. L-għodod tat-tiftix u tal-iffiltrar jippermettulek issib eżempji speċifiċi.

Il-**kwestjonarju onlajn** jippermetti lill-utenti jidentifikaw il-punti ta' interess tagħhom u jirċievu rapport imfassal għalihom bir-riżorsi magħżula (dokumenti u prattiki). L-utenti huma mistiedna jtellgħu riżorsi ġodda permezz tal- **formola onlajn**; speċjalment il-prattiki tajba tal-iskejjel li jintroduċu inizjattivi li kellhom suċċess. Il-Bord Editorjali jikkoordina l-għażla u l-aġġornar tar-**riżorsi tal-Għodod**.

<https://www.schooleducationgateway.eu/mt/pub/resources/toolkitsforschools.htm>



EUErasmusPlusProgramme



#EdGateway / #EUteacheracademy / @EUErasmusPlus



schoolgateway

